MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2000

Numru 532/2000

**Il-Pulizija**
**(Sp. Martin Sammut)**

**vs**

**Jesmond Mangion iben Silvio u Doris nee Agius mwieled Pieta’ fit-30 ta’ Marzu, 1964, u joqghod 43, Genesis, Triq San Vincenz de Paola, Luqa, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 203964 (M).**

**Carmel Cassar iben Anthony u Margaret nee Muscat, mwieled Pieta’ fid-9 ta’ Gunju, 1962, u joqghod ‘Perla”, Triq Gdida fi Triq Michelang Sapiano, Zebbug (Malta), detentur tal-karta ta’ l-identita’ 407262 (M).**

**Illum 6 ta’ Dicembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Jesmond Mangion u Carmel Cassar li gew akkuzati talli fit-18 ta’ Ottubru, 1997 u l-granet ta’ qabel, f’hinijiet differenti, gewwa Marsaskala, Hal-Qormi, u bnadi ohra f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti li saru fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

(1) iffalsifikaw biljetti tal-flus jew mexxew biljetti tal-flus falsifikati u li kienu jafu li huma ffalsifikati u cioe 402 (erba’ mija u tnejn) biljett tal-100 mitt Dollaru Amerikan, u dan bi ksur ta’ artikolu 45 tal-kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.
(2) Minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtraw jew ircevew minghand xi persuna, u cioe 402 (erba’ mija u tnejn) biljett tal-100 (mitt) Dollaru Amerikan, u dan bi ksur ta’ artikolu 46 ta’ Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rinviju ta’ l-Avukat Generali fejn intbaghtu l-artikoli taht liema tista’ fil-fehma tieghu tinstab htija u cioe:

(a) l-artikolu 45 u 46 tal-Kap 204,
(b) l-artikolu 18, 31, 20, 23 u 55 tal-Kodici Kriminali.

Rat li l-akkuzati ma kellhom ebda oggezzjoni ghal dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat

Illi mill-artikoli 45 u 46 tal-Kap 206 jirrizulta li hawn ghandna sitwazzjoni meqjusa bhala eccezzjoni (ghalkemm mhux singulari) fejn hemm dak li jissejjah shifting tal-onus tal- prova, cioe jinhtieg li jkun l-akkuzat, f’dan il-kaz l-akkuzati, li jippruvaw il-kuntrarju ta’ dak li qed jigi lilhom addebitat. Bla dubju ta’ xejn il-grad li trid tilhaq

id-Difiza f'kazi simili huwa pacifikament stabbilit li hu dak sal-grad tal-probabbli.

Huwa veru dak sottomess mill-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha li din it-tranzazzjoni bejn Mangion u l-bniedem sal-llum bla identita' hija wahda ghal kollox stramba bil-mod kif giet kondotta li jidhol barrani joffri li jsarraf ammont sostanzjali ta' flus, liema flus ihalli warajh bla garanzija, twassal ghal konkluzjoni li jew dan ma kellux x'jitlef jew ghad baqa' nies li verament ghadhom jafdaw hafna.  Daqstant hija vera t-tezi proposta mid-Difiza li minn dan kollu Mangion, ghax s'hawn hu kien biss involut ma kellux x'jitlef.  Id-dollari baqghu ghandu, biss fuq kelma, u kien jispetta lilu jaghmel id-debita verifiki fuq l-awtenticita' taghhom.  Dan kollu rrizulta mill-provi prodotti.

X'ghamlu l-akkuzati, qabdu ftit mill-karti tal-mitt dollaru Amerikan, haduhom il-bank u vverifikaw l-awtenticita' taghhom.  Irrizulta wkoll pruvat li dawn id-disgha u disghin karta ma xeghlux taht l-ultra violet light.  L-ghada meta marru biex isarrfu s-somma intiera regghu ivverifikaw il-kumplament u Ufficjal tal-Bank rega' assigurahom li dawn id-dollari huma awtentici.  Kien terga' fit-tielet gurnata li l-Bank skopra li kien hemm il-problemi f'dawn id-dollari. Ghahekk l-akkuzati regghu iddepozitaw l-ekwivalenti fi flus Maltin gia msarrfa gurnata qabel u spiccaw bl-akkuzi kontra taghhom in dizamina.

Pacifiku wkoll li l-bank ma sofra ebda telf minn din it-tranzazzjoni.

Stranament u haga mhux facilment spjegabbli, dawn il-flus li llum irrizultaw foloz ma ddettaw ebda suspett ta' l-ewwel u lanqas it-tieni gurnata li l-akkuzati marru bihom il-bak.  Tant li Noel  Vassallo Ufficjal tal-Bank, xehed fuq mistoqsija tal-Qorti li ad occhio dawn il-flus ma kinux jidhru li huma foloz.  Zied pero' li ra stramb kien li bhala pakkett tal-mija kien jidher ftit aktar goff.  Dan il-fatt tal-hxuna tal-karta gieghel lil Joseph Borg li jahdem il-cash centre tal-bank ghal tmien snin, ghalhekk ghandu aktar

esperjenza mix-xhud precedenti fir-rigward ta’ flus barranin, li jikkonkludi li dawn id-dollari huma foloz.

Interessanti wkoll dak li kkonkluda Dr Abela Medici fir-rapport dettaljat tieghu. Jghid meta xehed l-istess espert dwar l-ezami tieghu “It is very easy nahseb jien li l-pubbliku jigi mqarraq bihom. Ipprintjati tajbin.” (a fol 40). Mistoqsi mill-Qorti jekk iqisx dawn bhala “very godd counterfeit” iwiegeb “They are not very good, for the ordinary person in the street they are very good counterfeits”. Hemm chance li ordinary person in the street, jigi deceived.” (fol 41).

Id-dettalji li jghti Dr Abela Medici ta’ ghaliex dawn id-dollari huma couterfeit huma fihom innifishom semplici daqs kemm huma komplikati. Isemmi per ezempju l-fatt li dawn huma f’batghes ta’ numru konsekuttivi, fatt dan li minnu nnifsu tant huwa mpossibli li jigri f’dawk l-ammonti ta’ flus li kienu huma validi, li hu indikattiv tal-falsita taghhom. Min-naha l-ohra wiehed jistaqsi la l-bank f’zewg okkazjonijiet ma ndunax b’dan il-fatt kellhom ikunu l-akkuzati li jinnotaw dan il-fatt. Dan barra punti ohra teknici, ta’ natura mikroskopika cioe li nnecessitaw ezamijiet mikroskopici li rrizultaw mir-rapport ta’ l-espert Dr A. Abela Medici.

Premess dana kollu, l-artikoli 45 u 46 tal-Kap 204 jinhtieg biex tahthom tinstab htija x-xjenza da parti ta’ l-akkuzat li kien jaf (kienu jafu f’dan il-kaz) li l-flus in kwsitjoni kienu foloz. Ghalkemm huwa kemm xejn inspjegabbli kif sar dan in-negozju bejn it-terz injot u Mangion pero’ l-insistenza taghhom mal-Bank li jivverifikaw il-validita’ tal-flus, l-istess zball tal-bank (doppju) li jikkonferma li dawn il-flus huma validi, anke l-fatt innifsu li fil-fatt it-telf gie soffert unikament mill-akkuzati jikkonvinci lil din il-Qorti sal-grad tal-probabbli li dik ix-xjenza mehtiega biex jigu sostenuti l-akkuzi lilhom addebitati hija mankanti u ghaldaqstant qeghda tilliberahom mill-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.